**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 77/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Sergio Borg**

**Illum 6 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Sergio Borg, iben Nicholas u Catherine xebba Magro, imwieled il-Pietà fit-8 ta' April 1980, residenti ġewwa fond 26, Leonardo, Flat 2, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 201980(M), talli nhar is-6 ta' Jannar 2020 u fil-ġranet u xhur ta' qabel din id-data, ġewwa Ċekċek Farm, Tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ:

1. Ġiegħel annimali u cioè klieb isofru uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u kif ukoll talli abbanduna l-isemmija klieb, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli naqas milli jkun responsabbli għat-trattament xieraq ta' l-annimali meta żamm l-annimali jew qabel li jżomm annimali u cioè klieb, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, naqas milli jieħu l-passi raġonevoli f'ċirkostanza biex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' l-amminali li huwa responsabbli għalihom jew li qabel li jieħu ħsiebhom, u cioè klieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali u cioè klieb. (Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġijiet ta' annimal tkun tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġieba tiegħu b'mod normali, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korriment u mard), u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, rabat, qafel, rabat b'katina jew irristrinġa klieb jew ikkawża klieb li jintrabtu, jinqaflu jew jintrabtu b'katina, marbuta ma' kwalunkwe oġġett wieqaf bħala mezz permanenti ta' żamma tal-klieb jew bħala mezz primarju ta' żamma tal-klieb, u dan bi ksur ta' Regolament 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.21;

5. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, żamm kelb ta' erba' xhur jew aktar mingħajr liċenzja, u dan bi ksur ta' Regolament 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101;
6. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, żamm kelb ġo magħlaq iżgħar mill-minimu permess, u dan bi ksur ta' l-Iskeda (Regolament 4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.21, numri 1 sa' 6;
7. U talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, il-Qorti tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' l-imputat a fol. 3 tal-proċess, il-Fedina Penali ta' l-imputat a fol. 4 tal-proċess, stqarrija rilaxxata mill-imputat fl-1 ta' Frar 2020 a fol. 5 sa' 8 tal-proċess, il-kwerela da parte tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq ta' l-Annimali, Promozzjoni u Servizz kontra l-imputat datata 6 ta' Jannar 2020 a fol. 11 tal-proċess, Animal Welfare Inspection Report dwar spezzjoni li inżammet fil-fond Ċekċek Farm, Triq tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ fis-6 ta' Jannar 2020, u ritratti annessi miegħu a fol. 12 sa' 30 tal-proċess, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta a fol. 31 tal-proċess u pendrive kontenenti footage meħud ġewwa l-fond Ċekċek Farm, Triq tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ, waqt l-ispezzjoni da parte ta' l-Animal Welfare nhar is-6 ta' Jannar 2020[1];

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Rat li din il-Qorti kif diversament presjeduta kienet ippronunċjat sentenza fil-konfront ta' l-imputat fil-5 ta' Ottubru 2020[3], liema sentenza ġiet revokata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenza fl-imijiet "Il-Pulizija v. Sergio Borg" App. Nru. 196/2020 pronunċjata fl-14 ta' Diċembru 2020[4];

Rat li b'Digriet datat 16 ta' Diċembru 2020, il-Maġistrat li kienet tippresjedi din il-Qorti tul is-smigħ tal-proċeduri u li ppronunzjat is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2020, irrikużat ruħha ai termini ta' l-Artikolu 734 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-kawża odjerna ġiet assenjata lill-Qorti kif issa presjeduta b'Ordni tal-Prim' Imħallef[5] ai termini ta' l-Artikolu 11(4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2021[6], quddiem il-Qorti kif issa presjeduta, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

---

[1] Dok. "KB1" a fol. 39 tal-proċess.
[2] Fol. 38 tal-proċess.
[3] Fol. 42 sa' 52 tal-proċess.
[4] Fol. 67 sa' a tergo ta' fol. 74 tal-proċess.
[5] Fol. 77 tal-proċess.
[6] Vide verbal tas-seduta tas-17 ta' Mejju 2021, fol. 99 tal-proċess.

Rat li l-Prosekuzzjoni u d-Difiża ddikjaraw li ma hemmx għalfejn li l-provi dokumentarji già esebiti fl-atti, jerġgħu jiġu esebiti mill-ġdid[7];

Rat li in segwitu għal talba tad-Difiża, b'Digriet datat 1 ta' Ġunju 2021[8], ġie nominat il-Psikologu Kevin Sammut Henwood bħala Espert Psikologu sabiex jesegwixxi Psychometric Test fuq l-imputat u jirrelata dwar il-kostatazzjonijiet u konsegwenti konklużjonijiet tiegħu fir-rigward;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Psikologu Kevin Sammut Henwood mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2021[9] u rat ir-Rapport ta' l-imsemmi Espert Psikologu a fol. 107 sa' 114 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar is-6 ta' Jannar 2020 u fil-ġranet u xhur ta' qabel din id-data, ġewwa Ċekċek Farm, Tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ: (1) Ġiegħel annimali u cioè klieb isofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn u kif ukoll talli abbanduna l-isemmija klieb, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) u aktar talli naqas milli jkun responsabbli għat-trattament xieraq ta' l-annimali meta żamm l-annimali jew qabel li jżomm annimali u cioè klieb, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) u aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, naqas milli jieħu l-passi raġonevoli f'ċirkostanza biex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' l-amminali li huwa responsabbli għalihom jew li qabel li jieħu ħsiebhom, u cioè klieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali u cioè klieb. (Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġijiet ta' annimal tkun tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġieba tiegħu b'mod normali, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korriment u mard), u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) u aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, rabat, qafel, rabat b'katina jew irristrinġa klieb jew ikkawża klieb li jintrabtu, jinqaflu jew jintrabtu b'katina, marbuta ma' kwalunkwe oġġett wieqaf bħala mezz permanenti ta' żamma tal-klieb jew bħala mezz primarju ta' żamma tal-klieb, u dan bi ksur ta' Regolament 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.21; (5) u aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, żamm kelb ta' erba' xhur jew aktar mingħajr liċenzja, u dan bi ksur ta' Regolament 5(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101; (6) u aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, żamm kelb ġo magħlaq iżgħar mill-minimu permess, u dan bi ksur ta' l-Iskeda (Regolament 4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.21, numri 1 sa' 6; (7) u talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat iddikjara li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2021[10].

[7] *Ibid.*
[8] Fol. 102 tal-proċess.
[9] Fol. 104 sa' 106 tal-proċess.
[10] Fol. 99 tal-proċess.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti ma tistax għajr li ssibu ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-reati li bihom qed jiġi akkużat l-imputat u li ġew minnu ammessi, twettqu fis-6 ta' Jannar 2020 u fil-ġranet u xhur ta' qabel. Fid-dawl ta' dan il-fatt għandu jirriżulta li fejn jirrigwarda l-vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap.439 tal-Liġijiet u tar-Regolamenti magħmula taħt l-Att - ossia l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat - il-Qorti trid tikkonsidra u tapplika l-Liġi kif kienet in vigore qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi introdotti bl-Att XXXIX ta' l-2021.

In effetti fil-fehma tal-Qorti bl-emendi introdotti bl-imsemmi Att XXXIX ta' l-2021, senjatament għall-Artikolu 45 tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jittratta appuntu dwar reati u pieni għall-vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Att u tar-Regolamenti magħmula taħt l-Att, il-posizzjoni ta' l-imputat ġiet iktar oneruża. B'dawn l-emendi, oltre l-pieni li già setgħu jiġu inflitti bil-liġi kif kienet in vigore, żdiedet il-possibilità - tramite l-*proviso* tas-subartikolu (1) - li *meta persuna tinstab ħatja ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jkun jikkonsisti f'moħqrija ta' l-annimali, il-qorti tista' meta tqis li jkun xieraq, b'żieda mal-piena, tipprojbixxi lill-persuna misjuba ħatja milli żżomm annimali jew milli tirrisjedi f'post fejn jinżammu annimali għal dak iż-żmien li jista' jkun stabbilit mill-qorti*. Fid-dawl ta' dan għalhekk, jiġi ribadit li għall-finijiet ta' piena l-Qorti għandha tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 45(1) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta kif kienu in vigore qabel id-dħul ta' l-imsemmi emendi.

L-Artikolu 45(1) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli qabel l-emendi introdotti bl-Att XXXIX ta' l-2021, kien jipprovdi li: *(1) Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu għandha: (a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, teħel multa ta' mhux anqas minn elfejn euro (€2,000), iżda mhux iżjed minn ħamsa u sittin elf euro (€65,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet (3) snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien; (b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar, teħel multa ta' mhux anqas minn sitt elef euro (€6,000), iżda mhux iżjed minn tmenin elf euro (€80,000), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet (3) snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

Mill-fedina penali ta' l-imputat a fol. 4 tal-proċess, jirriżulta li għalkemm din ma hijiex l-ewwel darba li l-imputat xellef dufrejgħ mal-ġustizzja, l-imputazzjonijiet li ġie akkużat bihom u li dwarhom instab ħati u ġie ssentenzjat, ma kienux relattivi għall-vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' Regolamenti magħmula taħt dak l-Att u għaldaqstant, għall-finijiet ta' piena f'dawn il-proċeduri l-Qorti għandha ssewgi u tapplika dak provdut fl-Artikolu 45(1)(a) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ħadet in konsiderazzjoni ukoll dak ikkonstata u konkluż mill-Espert Psikologu Kevin Sammut Henwood, nominat mill-Qorti sabiex jesegwixxi Psychometric Test fuq l-imputat: *jidher li s-Sur Borg għandu diffikultajiet kunjittivi li huma assoċjati ħafna ma' l-aspetti verbali u lingwistiċi. Dan ifisser li jsibha diffiċli biex jifhem u anki jispjega lilu innifsu b'mod li jinftiehem sew. Fil-każ tas-Sur Borg jidher li din id-diffikultà hija parzjlament ġejja minn nuqqasijiet akkademiċi li huwa wera' tul ħajtu u mal-fatt li huwa lliterat. Huwa tenna kemm il-darba d-diffikultà li jkollu meta xi ħadd ikellmu u juża kliem kemm xejn żgħira diffiċli. L-abilità verbali u lingwistika hija assoċjata ma intelliġenza u wkoll ma' l-abilità ta' l-individwu li jadatta għas-sitwazzjoni jew inkella li jitgħallem xi ħaġa ġdida. It-testijiet li sarulu kemm dak ta' SMME u dak tal-GAMA*

*urew li hemm possibilità qawwija li għandu diffikultajiet konjittivi sostanzjali. Dawn kapaċi jfixklu l-abilità li jifhem x'inhu jiġri madwaru u allura li jiffunzjona b'mod tajjeb fis-soċjetà. Punti li jaf jimmitiga l-effetti negattivi tan-nuqqas ta' abilitajiet huwa l-fatt li huwa miżżewweġ u li l-mara tiegħu tgħinu fil-ħajja ta' kuljum u b'hekk ikun jista' jiffunzjona aħjar*[11].

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta fl-1 ta' Lulju 2021[12], l-Espert Psikologu Kevin Sammut Henwood, dwar jekk l-imputat huwiex kapaċi jagħraf it-tajjeb mill-ħażin, afferma: *li jagħraf it-tajjeb mill-ħażin naħseb li huwa kapaċi jagħraf dawn l-affarijiet. Naħseb għax m'inix 100% fuqha. ... Jiena meta staqsejtu anke fuq il-każ per se, jiġifieri jiena ma xtaqtx nidħol fil-mertu tal-każ as such jiġifieri jiena staqsejtu more or less kif inhu sejjer hawn ġew, jekk hux qed jifhem u qalli "ifhimni, jiena nidħol hemhekk, ikunu qed jitkellmu u ma nkunx naf x'inhu jiġri" jiġifieri qishom qed jitkellmu b'lingwa differenti. ... Hija l-abbiltà. Issa fejn jidħol it-tajjeb u l-ħażin per eżempju jiena semmieli mbagħad naqra dettalji tal-każ u tani x'nifhem illi hu jaf li l-klieb kienu qegħdin b'mod ħażin u qalli li speċi ta' kellu problema biex ikun jista' jkollu aċċess biex imur fejn l-annimali. Jiġifieri naħseb illi fehem illi li kien qed jagħmel kien ħażin, ta ġustifikazzjoni tiegħu jiġifieri tal-mod ta' kif jifhima hu u għalhekk għidtlek li naħseb li t-tajjeb u l-ħażin huwa jagħrafhom.*

Ħadet in konsiderazzjoni wkoll l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proċeduri, liema ammissjoni huwa baqa' jtenniha tul il-kors kollu tal-proċeduri.

Apparte dan kollu però, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva u b'hekk tieħu in konsiderazzjoni għall-finijiet ta' piena l-fatt li minkejja d-diffikultajiet konjittivi ta' l-imputat, in-nuqqas ta' elementi bażiċi għall-kura ta' annimal - li fl-aħħar mill-aħħar huwa kreatura viventi li għandu bżonijiet bażiċi bħalma għandu bżonn il-bniedem - u cioè l-ikel, l-ilma u l-indafa ta' l-ambjent fejn jgħix, huma elementi li ċertament anke l-iktar persuna ta' abiltajiet konjittivi baxxi u sempliċi tista' tagħraf u tapprezza bħala mhux biss bżonjużi iżda fondamentali, iktar u iktar meta l-annimali in kwistjoni, bħal fil-każ in eżami, kienu jiddependu esklussivament mill-imputat għal tali elementi bażiċi minħabba l-fatt li kienu qed jinżammu marbuta - fatt dan li fih innifsu huwa bi ksur tar-Regolamenti relattivi.

In effetti l-imputat għaraf u apprezza li dak li kien qed jiġri lill-annimali in kwistjoni bin-nuqqas ta' azzjoni tiegħu, kien ħażin iżda, kuntrarjament għal dak li wieħed jippretendi, anke minn persuna ta' ċerta restrizzjonijiet konjittivi, l-imputat ma għamel assolutament xejn, lanqas il-minimu u s-sempliċi possibbli, biex jneħħi lill-annimali mill-istat pjetuż li kienu fih. Anzi għall-kuntrarju huwa ħalla li dawn l-annimali bla ikel, ilma u ambjenti nodfa u addirittura kontinwament marbuta għal ġimgħat jekk mhux addirittura xhur sħaħ. L-istat li kienu fih l-annimali in kwistjoni u l-istat li kien fih il-post fejn kienu qed jinżammu - vide f'dan ir-rigward ir-ritratti a fol. 14 sa' a tergo ta' fol. 29 tal-proċess kif ukoll ir-rapport dwar l-ispezzjoni a fol. 12 sa' a tergo ta' fol. 13 tal-proċess - juru biċ-ċar li l-imputat kienu ilu żmien twil ħafna ma jersaq 'l hemm u jagħtihom x'jieklu u jixorbu, jagħtihom l-eżerċizzju li għandhom bżonn u jnaddfilhom l-ambjenti li kienu fihom. Dan huwa komprtament li ma huwiex aċċettabbli minn ħadd, lanqas minn persuna bħall-imputat, iktar u iktar meta dik il-persuna tkun għażlet li trabbi annimal. L-annimali in kwistjoni tħallew għal rihom f'dan l-istat pjetuż, liema stat kien aggravat bil-fatt li kienu

[11] Fol. 113 tal-proċess.
[12] Fol. 104 sa' 106 tal-proċess.

marbuta jew magħluqa bil-konsegwenza li lanqas setgħu jippruvaw ifendu, sa' fejn setgħu, għal rashom.

Għaldaqstant, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u dana fuq ammissjoni ta' l-istess imputat, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 8(2)(3)(4) u 45(1)(a) tal-Kap.439 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 3(1), 4 u 8 u l-partita 1 sa' 6 ta' l-Iskeda (Regolament 4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.21, ir-Regolamenti 5(2) u 11(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 437.101 u l-Artikoli 17(f) u 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas tmint elef Euro (€8,000) multa.

Il-Qorti qed tawtorizza lill-imputat iħallas l-imsemmija multa permezz ta' sitt pagamenti mensili konsekuttivi ta' €1,333.33. Kemm il-darba xi wieħed jew iktar minn dawn il-ħlasijiet ma jsirux, il-Qorti qed tavza lill-imputat li jistkattaw il-provvedimenti ta' l-Artikolu 14 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' erba' mija sebgħa u sittin Euro u ħamsin ċenteżmu (€467.50) rappreżentanti spejjeż konnessi mal-ħatra ta' l-Espert Psikologu Kevin Sammut Henwood.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**